# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru 2023**

**Rik. Gur. Nru: 48/2020 JPG**
**Kawza Numru: 25**

**JS u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2023 li permezz tieghu assumew l-atti MS, MRS, MHS, JHS, MWS u DS, in segwitu tal-mewt ta' JS.**
**vs**
**JA u b'digriet tat-18 t'Ottubru 2023 assumiet l-atti f'isimha.**
**U**
**MKA u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2020, gew nominati Dr Christopher Chircop u PL Daniel Aquilina biex jirrapresentaw l-assenti MKA**
**U**
**Direttur Registru Pubbliku**
**U**
**U b'digriet tat-28 ta' Frar 2020 gew mahtura Dr Victor Bugeja u PL Liliana Buhagiar bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri RA.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JS datat 25 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni intima li l-attur kellu ma' l-intimata JA bejn is-sena 2001 u 2015, twieled tifel, RA, f'X skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.A';*

2. *Illi l-imsemmi minuri RA gie registrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben il-konvenut MKA illi il-konvenuta kienet mizzewga lilu u separata de facto minnu ghal dawn l-ahhar dsatax-il sena ;*

3. *Illi l-konvenuta stqarret ripetutament ma' l-attur illi, nonostante tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv, il-minuri RA huwa fil-fatt iben l-attur;*

4. *Illi l-konvenuta tat lil minuri RA fi 2015 meta spiccat ir-relazzjoni ma l-attur, (fil-kura tal-attur sic) li baqa irrabbih mill-ewwel gurnata ta'hajtu wahdu;*

5. *Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri msemmi, huwa l-attur u mhux il-konvenut MKA illi il-minuri qatt ma ra f'ghomru;*

6. *Illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta ma haditx il-passi necessarji sabiex isir it-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

7. *Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri RA bhala l-wild naturali tieghu;*

8. *Illi bhalissa ibnu RA jinsab fil-kura u kustodja ta' l-imsemmi MKA, ragel li m'huwiex missieru u li di piu qatt ma ra filwaqt illi dejjem ghix ma missieru naturali mit-twelid.*

9. *Illi il-minuri RA jinsab ghaddej minn diffikultajiet ta 'bullying' l-iskola minhabba il-fatt illi kunjomu mhuwiex l-istess bhal dak ta missieru li dejjem ghex mieghu.*

10. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatt personalment.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:*

1. *Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut MKA m' huwiex il-missier naturali tal-minuri RA;*

2. *Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri ;*

3. *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru X u dana billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'MKA' fil-kolonna ta' l-isem ta missier it-tarbija u jidhlu l-kliem 'JS';*

4. *Tordna lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.*

*Bil-konvenuti ingunti in subizzjoni.*

Rat illi r-rikors, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-Ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 31 ta' Lulju 2020 (Vide Fol 32) li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai termini tal-Artikolu 77A, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk ir-rikorrent ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, ir-rikorrent għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, ir-rikorrent irid jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri RA ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

3. *Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri RA, huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita' li qiegħda tiġi msejsa ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ċar illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-istess artikolu, jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri RA, il-konvenuta JA kienet wettqet adulterju mal-attur JS u di piu' jrid jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil MKA, ir-raġel tal-konvenuta JA, bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri RA;*

5. *Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun ta' benefiċċju jekk il-partijiet jissottomettu rwieħhom għal testijiet ġenetiċi ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi in kwantu għar-raba' talba tar-rikors in risposta, l-esponenti jirrileva illi ġialadarba hemm Att tat-Twelid ippubblikat, qatt ma jista' jigi ppubblikat Att tat-Twelid ġdid, iżda jekk din l-Onorabbli Qorti tordna li r-rikorrent jiġi kkunsidrat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri RA, l-istess Onorabbli Qorti għandha tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid li jsir permezz ta' annotazzjoni fuq l-istess Att tat-Twelid;*

7. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrent JS sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta` tiegħu meta twieled il- minuri RA; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled RA; (6) Isem u kunjom missieru; u (7) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieled RA. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri RA;*

8. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

9. *Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem MKA, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn*

*hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 94/2009;*

10. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat illi l-intimata JA giet debitament notifikata fil-31 ta' Lulju 2020 (Vide Fol 18 dorso). Rat illi fil-verbal tat-18 t'Ottubru 2023 (Vide Fol 62) l-intimata ddikjarat:

1. *Illi l-konvenut MKA mhuwiex il-missier naturali tal-minuri RA;*

2. *Illi ghat-tieni talba l-konvenuta JA tiddikjara li l-attur JS huwa l-missier naturali tal-minuri;*

3. *Illi ghat-tielet talba JA tiddikjara li ma ghandha ebda oggezzjoni li ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid u li;*

4. *Illi ghar-raba' talba JA taqbel li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu johrog att tat-twelid korrett fejn li jiddikjara li l-missier huwa in effetti JS.*

Rat illi Dr Christopher Chircop u PL Daniel Aquilina nominati biex jirrapresentaw l-assenti MKA debitament notifikati, ma ppresentaw ebda risposta, ghaldaqstant l-intimat A huwa kontumaci;

Rat illi l-intimata fit-18 t'Ottubru 2023 assumiet l-atti f'isimha proprju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat illi fil-mori tal-proceduri, l-attur JS miet fil-mori tal-kawza;

Rat illi permezz ta' rikors datat 13 ta' Mejju 2022, saret talba ghall-legitimazzjoni tal-atti minn hut l-attur JS, u cioe minn MS, MRS, MHS, JHS, MWS u DS, li talbu li jassumu il-proceduri f'isimhom hut l-attur JS.

Rat illi l-intimati ma kellhomx oggezzjoni ghal tali talba;

Rat illi b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2023, il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' hut l-attur;

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2023, l-intimata JA iddikjarat illi hija tammetti l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba u li m'ghandhiex oggezzjoni fir-rigward tar-raba talba;

Rat illi l-minuri wera x-xewqa li jkun maghruf bil-kunjom S u li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti tal-intimata omm ghar-rigward;

Rat n-nota prezentata bid-dettalji u l-partikolaritajiet tal-attur hekk kif rikjesti mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi fil-verbal tat-18 t'Ottubru 2023 l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 63)

Semghet it-trattazzjoni finali mill-partijiet.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***Ir-rikorrenti xehed permezz ta' affidavit a fol 46*** u spjega illi hu kien iltaqgha mal-intimata JA meta kien kbira, u dana ghaliex precedentement huwa kien iddecieda li jibqa' guvni. Dak iz-zmien l-intimata kien diga' kellha tifla minn relazzjoni precedenti u ghalhekk kien jghinha

ta' spiss. Illi eventwalment kien iddecieda li jmorru jghixu flimkien u l-intimata marret toqghod ghandu bit-tifla. Izzid illi lit-tifla tal-intimata habba daqs li kieku kienet t-tifla tieghu. Jixhed illi kemm hu u kemm l-intimata dejjem hadmu. Meta kienet qaltlu li hija tqila bit-tifel, kien ferah hafna u kien ha pjacir li ser isir missier. L-intimata pero' bezghat mir-responsabbilita u kif twieled it-tifel, ippakjat kollox u telqet bit-tifla mid-dar.

Illi minhabba dan, kien dejjem hu li ha hsieb lill-minuri sa minn eta' tenera. Illi minkejja li l-minuri dejjem mieghu, l-attur xehed illi hu kien qieghed jirriskontra problemi biex japplikalu ghat-transport peress li l-attur ma kienx indikat bhala l-missier u dana stante li dak iz-zmien li twieled il-minuri, l-intimata kienet ghadha legalment mizzewga lill-intimat MKA. Illi ghalhekk anke peress li l-attur ormai qieghed jikber fl-eta', xtaq illi l-minuri ikun formalment maghruf bhala ibnu. L-attur jishaq illi peress li huwa penzjonant, huwa m'ghandux flus biex ihallas DNA test. Jinsisti illi l-minuri huwa ibnu zgur, u l-intimata dejjem ikkonfermat dan il-fatt, u kull minn jafu, jaf li l-minuri huwa ibnu.

L-intimata ammettiet illi l-minuri RA huwa iben JA.

Illi di piu', il-Kuraturi nominati biex jirrapresentaw lill-assenti MKA, debitament notifikati, ma ressqu ebda provi.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> ***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u***

***xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

> ***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> ***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
>
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> ***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem***

> ***iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***

Il-Qorti rat illi l-minuri RA twieled f'X u dana kif jirrizulta mic-certifikat ta-twelied a fol 5 tal-atti. Illi l-minuri gie registrat bhala iben MKA li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg mal-intimata JA. Mix-xhieda jirrizulta illi l-intimata JA u l-intimat MKA, kienu ilhom separati *de facto* ghal dsatax (19)- il sena meta twieled il-minuri. Din il-Qorti rat illi tul il-mori tal-proceduri l-attur, gie nieqes, u dan nhar it-8 ta' Settembru 2021.

Illi l-attur kellu relazzjoni intima mal-intimata, u l-minuri RA twieled propju minn din ir-relazzjoni. Mit-testimonjanza tal-attur, jirrizulta illi l-minuri RA dejjem ghex mal-attur, u dana wara li l-istess intimata fdat lill-minuri lill-attur, meta hija ddecidiet li titlaq lill-attur u lil binha ghaliex ma riditx terfa' responsabbilita tat-trobbija tal-minuri.

Il-Qorti rat illi filfatt kien ir-rikorrenti li kien dejjem prezenti fil-hajja ta' ibnu bhala missier sa minn meta twieled, mantnih u baqa' jrabbih sal-gurnata tal-mewt tieghu. Din il-Qorti rat illi kif ammess mill-attur stess, huwa m'ghandux il-mezzi sabiex jidhol fi spiza ta' testijiet genetici, u rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2023, l-intimata JA ammettiet l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba u li ma kellhiex oggezzjoni fir-rigward tar-raba' talba. Illi filwaqt illi huwa ben risapit illi f'kazijiet bhal dawn, it-testijiet genetici huma l-prova regina, din il-Qorti taghraf illi l-Legislatur jikkoncedi li l-prova tal-filjazzjoni tista ssir permezz ta' provi ohra.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-parentela tal-minuri giet stabbilita' minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2023 ingabet a konjizzjoni tal-fatt illi l-minuri jixtieq li jkun maghruf b'kunjom l-attur. Illi din il-Qorti rat illi ghar-rigward l-intimata JA, ma kellha ebda oggezzjoni ghal dan. Illi l-minuri RA illum ghandu

hmistax (15) – il sena, u ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom S.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'dana kollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti***

*tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:**

1. **Tiddikjara li l-minuri RA li twieled f'X huwa effettivament il-wild naturali tar-rikorrent JS;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut, MKA mhuwiex il-missier naturali ta' RA;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' RA liema att ghandu n-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri billi jikkancella kwalsiasi informazzjoni u/jew dettalji/ u jew/konnotati relatati mal-intimat MKA u minflok: fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u inizzel "JS, ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Y", fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri inizzel in-numru "49", fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" inizzel il-post "MXK", u inizzel il-kliem "NS (mejjet)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

4. **Tordna illi l-kunjom "A" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" ghandu jithassar u jigi sostitwit bil-kunjom "S";**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu divizi bejn l-atturi u JA u dana inkluz l-ispejjez tad-Direttur Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**